MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru. 110/2010

**Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Noel Vella ta’ 28 sena, iben Loreto u Rita nee’ Mizzi imwieled ir-Rabat Ghawdex nhar il-25 ta’ Dicembru 1981 u residenti fil-fond Casa Vella, Triq Vjani, Rabat Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ 1682G**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Dicembru 2010 u fis-snin ta’ qabel gewwa l-gzira ta’ Ghawdex, b’diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja tal-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939, ghal kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew min xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 291/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;
2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mil-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga ma kenitx ghal uzu esklussiv tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat il-verbal tal-Ufficjal Prosekutur tal-20 ta' Jannar 2011 fejn gie iddikjarat illi l-imputat ghandu jibbenifika minn dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-*Pre-Sentencing Report* maghmul mill-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat Il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu. Inoltre il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll ir-rapport tal-Probation Officer Ivan Sultana u ser tghaddi wkoll biex tapplika dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in vista ta' dak iddikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-verbal tal-20 ta' Jannar 2011.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta' sitt xhur prigunerija kif ukoll multa ta' erba' mija u sebghin ewro (€470).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-Dokument FT5 u dana a kura tar-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------